15 ta' April, 1950

Imhallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Avv. Dr. Arturo Valenzia, LL.D. *versus* Avv. Dr. Luigi Pace ne.

**Tassazzjoni — Ritassa — Sentenza — Digriet — Kančellament ta' Kawża — Tariffa "G" nru. 34.**

*Għall-finijiet tat-tassazzjoni f'sedi inferjuri, id-digrieti definitivi huma ekwiparabili għas-sentenzi.*

*Għaldaqstant, meta l-Qorti tagħti ordni ta' kančellament ta' kawża, bil-kundanna għall-ispejjeż, lid-difensuri huwa tassabbli dritt skond it-tariffa għal dak il-pronunzjament tal-Qorti; avvolja wara l-kančellament l-attur jista' jitlob ir-riappuntament tal-kawża biex tiġi trattata u deċiża fuq l-istess atti, u l-Qorti għandha tikkorda dak ir-riappuntament għal darba waħda.*

Il-Qorti — Rat it-taħrika ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, sabiex il-Qorti timmodifika t-tassazzjoni li saret fil-kawża "Alessandro Mallia vs. Giuseppe Lanzon et." maqtugħa minn dina l-Qorti fid-19 ta' Novembru 1949 għar-raġunijiet li kellhom jiġu sottomessi fit-trattazzjoni (dok. A). Bl-ispejjeż;

Rat l-eċċezzjoni tal-konvenut Dr. Pace nomine, li ssottometta li skond it-Tariffa "G" annessa mal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u speċifikatament taħt in-numru 34 (b) (e) tagħha, lill-avukat difensur ma għandux jiġi taxxat dritt f'każ ta' kančellament ta' kawża, imma biss f'każ ta' transazzjoni jew ċessjoni; u bħala konferma għamel riferenza għall-art. 910 ta' l-istess Kodiċi; u fl-aħħar illi l-art. 197 (3) jgħid espressament "costs occasioned by the non-appearance etc.";

Rat is-sottomissjoni ta' l-attur, fis-sens illi l-konvenut Dr. Pace ma jistax jidher f'kawża magħmula kontra tiegħu bħala Reġistratur, peress illi, meta ġie hekk nominat, ġie awtomatikament prekluż mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu; u fil-meritu illi fil-kawża in kwistjoni kien hemm żewġ sentenzi, u għalhekk kellu jiġi taxxat dritt separat għal kull waħda;

Rat is-sentenza tat-30 ta' Diċembru 1949, li biha l-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta qatgħet il-kawża billi laqgħet it-talba ta' l-attur u ordnat lill-konvenut Dr. Luigi Pace, bħala Reġistratur ta' dawn il-Qrati, li jintaxxa fil-kawża "Alessandro Mallia" vs. Giuseppe Lanzon et.",

deċiża definitivament fid-19 ta' Novembru 1949, dritt għal kull deċiżjoni, u ċjoè għal dik tat-23 ta' Lulju u għal dik tad-19 ta' Novembru 1949, in bażi għan-numru 34 (a) tat-Tariffa "G" annessa mal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u ordnat li l-ispejjeż fiċ-ċirkustanzi tal-każ jitħallsu kwantu għal terz mill-attur, kwantu għal terz mill-konvenut Dr. Luigi Pace ne., u kwantu għal terz ieħor mill-konvenuti Alessandro Mallia, Giuseppe Lanzon u Paolo Rolè flimk'en; billi kkunsidrat;

Illi s-sottomissjoni ta' l-attur dwar l-ammissibilità tal-konvenut Dr. Luigi Pace nomine, li jittratta l-kawża, evidentement ma jista' jkollha ebda fondament legali, u saret mill-attur taħt il-ħsieb illi l-konvenut Dr. Pace ma setax jagħmel ebda sottomissjoni għaliex b'hekk ikun qiegħed jikser wieħed middoveri tiegħu, u ċjoè dak li ma jipprestax is-serviġi tiegħu bħala avukat peress li huwa prekluż mill-pratika privata minħabba l-impjeg tiegħu;

Illi l-attendenza tal-konvenut Dr. Pace fit-trattazzjoni tal-kawża ma kienetx bħala patroċinatur ta' terzi persuni bl-iskop li jitħallas tal-patroċinju tiegħu skond it-Tariffa "G", imma huwa deher bħala konvenut, sija pure fil-fuq imsemmija kwalità tiegħu, u bħala tali għandu d-dritt bħal kwalunkwe ċittadin ieħor li jidher quddiem il-Qorti sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. Dana japplika b'iżjed forza fil-Qrati ta' kompetenza limitata, fejn il-partijiet ma humiex obligati jidhru blassistenza ta' difensuri, la meta jkunu ċitati personalment u lanqas meta jkunu ċitati f'xi kwalità li jkunu jirrivestu;

Illi għalhekk is-sottomissjoni ta' l-attur ma jista' jkollha ebda fondament ġuridiku, u ma tistax tiġi milqugħa;

Illi fil-meritu, il-kwistjoni li għandha tiġi riżoluta hija, filfehma tal-Qorti, dik jekk il-kanċellament ta' kawża jimpurtax jew le deċiżjoni; il-għaliex f'każ negativ għandu jiġi applikat in-numru 34 (b) u (c) tat-Tariffa "G", kif issottometta l-konvenut Dr. Pace nomine, u f'każ affermativ għandu jiġi applikat l-inċiż (a) tal-fuq imsemmi numru 34 tat-Tariffa "G";

Illi skond l-art. 197 (1), wara li tissejjaħ il-kawża tliet darbiet, u la l-partijiet u lanqas id-difensuri tagħhom ma jidhru, il-Qorti tista' tordna t-tħassir tal-kawża minn fuq il-lista "a spejjeż ta' l-attur"—dak li sar fil-kawża "de quo". Fit-tielet inċiż ta' l-istess artikolu hemm stabbilit illi, jekk l-attur ikun

irid li fuq l-istess attijiet il-kawża tiġi mqiegħda fuq il-lista, mismugħa u maqtugħa, għandu, b'rikors li għandu jiġi preżentat fiż-żmien ta' tmint ijiem, jagħmel talba għal daqshekk. Dan it-talba tiġi milqugħa għal darba waħda biss, jekk qabel ikunu ġew imħallsa l-ispejjeż li jkunu saru minħabba l-attur etc.;

Illi mill-eżami mbagħad tal-para. (2) ta' l-art. 197, u mill-konfront mal-para. (3) ġà ċitat, huwa evidenti illi l-legislatur jekwipara l-kanċellament mal-liberazzjoni "ab observantia" għal dak li jirrigwarda l-effetti ġuridiċi tagħhom;

Illi tant fil-każ ta' liberazzjoni "ab observantia" kemm fil-każ tal-kanċellament l-effett huwa uniku, u ċjoè dak li tponi terminu għall-kawża f'dak l-istadju mingħajr preġudizzju tar-riproposizzjoni tal-kawża taħt ċerti kondizzjonijiet, u ċjoè dak tal-ħlas ta' l-ispejjeż tal-kawża kanċellata jew fejn ġiet ordnata l-liberazzjoni tal-konvenut. Minn dan toħroġ logika l-konkluzjoni illi l-kanċellament huwa deċiżjoni tal-Qorti li mhux biss tponi fini għall-kawża, imma tiddeċidi wkoll il-kap ta' l-ispejjeż; u għalhekk ma tistax ma titqiesx bħala sentenza;

Illi l-fatt illi l-liġi tagħti m vija eċċezzjonali lill-attur, f'każ ta' kanċellament jew liberazzjoni, u javanza talba biex il-kawża tiġi trattata fuq l-istess atti ma jimportax illi l-kanċellament jew il-liberazzjoni ma humiex deċiżjonijiet veri u proprji, imma dan il-provvediment għandu bħala bażi tiegħu u bħala skop iċ-ċelerità tal-proċeduri u l-ekonomija għar-rigward ta' l-ispejjeż li jkun laħaq għamel l-attur;

Illi l-argument li jrid jiġbed mill-kliem tal-liġi l-konvenut Dr. Pace għat-teżi tiegħu ma hux konformi la mal-prinċipji ġuridiċi u lanqas mal-logika. Infatti l-art. 197 (1), fejn jikkommina l-kanċellament tal-kawża bl-ispejjeż kontra l-attur ma jagħmel ebda distinzjoni bejn l-ispejjeż tar-reġistru u d-drittijiet dovuti lid-difensuri. Lanqas jista' jingħad li l-kliem ta' l-istess artikolu para. (3), fejn jingħad "jekk qabel ikunu ġew imħallsa l-ispejjeż li jkunu saru......", ma jimportax illi l-ispejjeż għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż tar-reġistru, jew taxxbieda, jew ta' xi dokumenti eżibiti; għaliex interpretazzjoni simili tkun evidentement konfliġġenti mal-para. (1) ta' l-istess artikolu;

Illi anki loġikament, d'na għandha tkun l-interpretazzjoni li għandha tingħata għall-kliem tal-liġi. Infatti, li kieku l-attur

li tkun gietlu kančellata l-kawża, jew li fiha tkun ingħatat liberazzjoni "ab observantia", ma japprofittax ruħu fit-terminu tal-privileġġ lilu mogħti tar-ripropożizzjoni tal-kawża fuq l-istess atti, il-kawża titqies bħala definita mingħajr preġudizzju fil-meritu, u lid-difensuri jiġi naturalment taxxat id-dritt li jmissħom skond in-numru 34 (a) tat-Tariffa "G". Ma jistax ikun hemm għalhekk ebda raġuni li tippreġudika lill-konvenut semplicement għaliex l-attur ikun ipprevalixxa ruħu minn dak il-privileġġ. Dana l-ħsieb tal-leġislatur jidher ċar mill-fatt illi, sabiex jippermetti lill-attur jużufruwixxi minn dik il-fakoltà, imponielu bħala kondizzjoni dik illi qabel xejn iħallas l-ispejjeż tal-konvenut; u fost dawn l-ispejjeż jidħlu naturalment l-onorarji li jkun ħallas lill-patroċinatur tiegħu;

Illi mill-premess jidher illi fil-kawża "Alessandro Mallia vs. Giuseppe Lanzon et." kien hemm żewġ sentenzi separati, waħda dik li biha ġie ordnat il-kančellament fid-data tat-23 ta' Lulju 1949, u l-oħra li biha ġie liberat il-konvenut Giuseppe Lanzon mill-osservanza tal-ġudizzju fid-19 ta' Novembru 1949. Konsegwentement il-konvenut Dr. Pace fil-kwalità tiegħu ta' Reġistratur kellu jintaxxa dritt lid-difensur għal kull deċiżjoni;

Illi skond it-Tariffa "G" no. 34 (a) lid-difensuri għandu jiġi taxxat dritt għal kull sentenza, u ċjoè 3s. meta l-ammont involut ma jeċċedix £2, 5s. meta jeċċedi £2 imma mhux £5, u 10s. meta jeċċedi l-£5. Fil-każ in eżami l-ammont in lite huwa anqas minn £2;

Rat in-nota ta' l-appell li biha l-konvenut Dr. Pace nomine appella minn dik is-sentenza għal quddiem dina l-Qorti;

Rat iċ-ċitazzjoni ta' dak il-konvenut Dr. Pace nomine, li biha dana talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u ċ-ċaħda tat-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra l-istess attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kawża msemmija fl-avviż kienet ġiet imħassra minn fuq il-lista bi provvediment tal-Qorti Civili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tat-23 ta' Lulju 1949, u wara li ġiet mill-ġdid miġjuba fuq il-lista ġiet maqtugħa b'deċiżjoni oħra tad-19 ta' Novembru 1949, li biha l-konvenut Lanzon ġie meħlus mill-ħarsa tal-ġudizzju bl-ispejjeż. Ir-Reġistratur fit-tassazzjoni ta' l-ispejjeż ma ntaxxax id-dritt tad-difensuri għall-

kanċellament, u f'dil-kawża jsostni li l-ebda dritt ma hu tassabili għall-kanċellament ta' kawża fil-Qorti Ċivili Inferjuri:

Illi d-drittijiet tad-difensuri fil-kawża quddiem il-Qorti Ċivili Inferjuri huma regolati mill-art. 34 tat-Tariffa "G", fejn digrieti ma jissemmewx, iżda jissemmew biss sentenzi. Iżda dak l-artikolu gie nterpretat mill-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza in re "P.L. Giuseppe Mangion et. vs. Tancredi Gouder ne.", fejn qalet li "l'espressione 'ogni sentenza' usata nel detto articolo 35 (il-lum 34) della tariffa "G" comprende tanto le sentenze definitive o liberatorie dall'osservanza del giudizio, quanto le decisioni che, sebbene riguardate come decreti, come quella d'incompetenza, pure sono anch'esse definitive quanto al loro oggetto ed irretrattabili dalla Corte che le avesse pronunziate, se in tutti i casi non si ha che una norma unica di tassazione regolata sull'ammontare in lite";

Minn dana jidher li anki d-digrieti definitivi, għall-finijiet tat-tassazzjoni f'sedi inferjuri huma ekwiparabili għas-sentenzi. L-ordni tal-kanċellament ta' kawża b'kundanna għall-ispejjeż huwa definitiv, għax, salva t-talba għar-riappuntament għal darba biss, itemm il-proċediment, u l-kundanna ta' l-ispejjeż mhix ritrattabili. Għaldaqstant sewwa ddeċediet l-Ewwel Qorti meta applikat għall-każ tal-kanċellament it-tassazzjoni stabbilita għas-sentenzi skond l-art. 34 fuq imsemmi. Ċertament ma jista' qatt ikun applikabili għall-każ ta' kanċellament issubartikolu (b) u (c) ta' dak l-art. 34, għax il-kanċellament ma għandux x'jaqsam la ma' ċessjoni tal-kawża u lanqas ma' rinunzja għall-attijiet. U tabilħaqq il-kanċellament jigi ordnat mill-Qorti "motu proprio" minħabba l-inattività tal-partijiet. fil-waqt li ċ-ċessjoni u r-rinunzja huma atti ta' l-attur;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-ewwel Qorti in kwantu kompatibili ma' dak li ntqal f'dis-sentenza, taqta' l-kawża billi tiċħad l-appell ta' l-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.

---